SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Direttiva 2001/42/KE — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Artikolu 3(3) — Pjanijiet u programmi obbligatorjament suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali unikament meta l-Istati Membri jistabbilixxu li huma jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent — Validità fir-rigward tat-Trattat FUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Kunċett ta' użu ta' 'żoni żgħar fil-livell lokali' — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel riferiment għas-superfiċji taż-żoni kkonċernati"

Fil-Kawża C-444/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (qorti amministrattiva reġjonali għall-Veneto, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Awwissu 2015, fil-proċedura

Associazione Italia Nostra Onlus

vs

Comune di Venezia,

Ministero per i beni e le attività culturali,

Regione Veneto,

Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,

Ministero della Difesa – Capitaneria di Porto di Venezia,

Agenzia del Demanio,

fil-preżenza ta':

Società Ca' Roman Srl,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott

* * Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Associazione Italia Nostra Onlus, minn F. Mantovan, P. Mantovan u P. Piva, avukati,

— għall-Comune di Venezia, minn A. Iannotta, M. Ballarin u N. Ongaro, avukati,

— għal Società Ca' Roman Srl, minn G. Zago, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Grasso, avvocato dello Stato,

— għall-Parlament Ewropew, minn A. Tamás u M. Menegatti, bħala aġenti,

— għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. Simm u S. Barbagallo, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Pignataro u C. Hermes, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157), kif ukoll dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) u (3) ta' din id-direttiva.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-Associazione Italia Nostra Onlus (l-Italja) u l-Comune di Venezia (muniċipalità ta' Venezia, l-Italja), u l-Ministero per i Beni e le Attività Culturali (ministeru tal-beni u tal-attivitajiet kulturali, l-Italja), u r-Regione Veneto (reġjun ta' Veneto, l-Italja), u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti (ministeru tal-infrastrutturi u tat-trasport, l-Italja), u l-Ministero della Difesa – Capitaneria di Porto di Venezia (ministeru tad-difiża – l-awtorità tal-port ta' Venezia, l-Italja) u l-Agenzia del Demanio (kontrollur tal-proprjetà tal-Istat, l-Italja) rigward l-obbligu li titwettaq evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/24 fil-każ ta' proġett ta' xogħlijiet relatati ma' immobbli previsti fuq gżira li tinsab fil-laguna ta' Venezia (l-Italja).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 92/43/KEE

3 L-Artikolu 1(k) u (l) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102, iktar 'il quddiem id-"Direttiva habitats"), jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"k) sit ta' importanza għall-Komunità tfisser sit li, fir-reġjun bioġeografiku jew reġjuni bioġeografiċi li jinsab fih, jgħin b' mod sinifikanti fil-manteniment jew fir-ripristinar fi stat ta' konservazzjoni favorevoli ta' tip ta' habitat naturali fl-Anness I jew ta' speċi fl-Anness II u jista' wkoll jgħin b' mod sinifikanti għall-koerenza ta' Natura 2000 imsemmija fl-Artikolu 3, u/jew jgħin b' mod sinifikanti fil-ħarsien tad-diversità bioloġika fi ħdan ir-reġjun bioġeografiku jew reġjuni bioġeografiċi konċernati.

[…]

l) żona speċjali ta' konservazzjoni tfisser sit ta' importanza għall-Komunità nnominat mill-Istati Membri permezz ta' att statutorju, amministrattiv u/jew kuntrattwali li bih il-miżuri meħtieġa ta' konservazzjoni huma applikati għall-manteniment jew għar-ripristinar, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-habitat naturali u/jew il-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi li għalihom is-sit ġie nominat;"

4 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva:

"1. L-għan ta' din id-Direttiva jkun li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-biodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew ta' l-Istati Membri li jgħodd għalihom it-Trattat.

2. Il-miżuri meħuda skond din id-Direttiva jkunu ddisinjati biex iżommu jew jirripristinaw, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-habitat naturali u l-ispeċi tal-fawna u l-flora selvaġġa li huma ta' interess għall-Komunità.

3. Il-miżuri meħuda skond din id-Direttiva għandhom iqisu l-ħtiġiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali."

5 L-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għandu jiġi stabbilit network ekoloġiku Ewropew koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt l-isem ta' Natura 2000. Dan in-network, magħmul minn siti li jħaddnu fihom it-tipi ta' habitat naturali elenkati fl-Anness I u l-habitat ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness II, għandhom jippermettu li t-tipi ta' habitat naturali u l-habitat naturali ta' l-ispeċi konċernati jinżammu jew, fejn jixraq, jiġu ripristinati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

In-network Natura 2000 se jkun fiha ż-żoni ta' protezzjoni speċjali klassifikati mill-Istati Membri skond id-Direttiva 79/409/KEE. [tal-Kunsill, tat-2 ta' April 1979, Dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98)]."

6 L-Artikolu 6 tad-Direttiva "habitats" jipprovdi:

"1. Għal żoni speċjali ta' konservazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jinkludu, jekk hemm bżonn, pjanijiet ta' tmexxija xierqa disinjati speċifikament għas-siti jew imdaħħla fil-pjanijiet ta' żvilupp l-oħra, u miżuri xierqa statutorji, amminstrattivi jew kuntrattwali li jaqblu mal-ħtiġiet ekoloġiċi tat-tipi ta' habitat naturali fl-Anness I u l-ispeċi fl-Anness II li hemm fis-siti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-habitat naturali u l-habitat ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

3. Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali.

4. Jekk, minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, pjan jew proġett irid isir xorta waħda għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku, l-Istat Membru irid jieħu l-miżuri kollha kumpensatorji meħtieġa biex jiżgura li tkun protetta l-koerenza globali ta' Natura 2000. Hu jrid jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kumpensatorji adottati.

Meta s-sit konċernat jospita tip ta' habitat naturali ta' priorità u/jew speċi ta' priorità, l-uniċi kunsiderazzjonijiet li jistgħu jitqajmu huma dawk marbuta ma' saħħet il-bniedem jew is-sigurtà pubblika, dawk li għandhom konsegwenzi ta' benefiċċju u ta' importanza ewlenija għall-ambjent jew, wara opinjoni mill-Kummissjoni, ma raġunijiet obbligatorji oħra ta' interess pubbliku li jieħu l-preċedenza."

7 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 6(2), (3) u (4) ta' din id-Direttiva għandhom jissostitwixxu kull obbligu li joħroġ mill-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva [79/409] dwar iż-żoni klassifikati skond l-Artikolu 4(1) jew meqjusa bl-istess mod skond l-Artikolu 4(2) tiegħu, mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jew mid-data tal-klassifikazzjoni jew għarfien minn Stat Membru skond id-Direttiva [79/409], meta d-data ta' l-aħħar tiġi aktar tard."

Id-Direttiva 2001/42

8 Il-premessi 9 u 10 tad-Direttiva 2001/42 jipprovdu:

"(9) Din id-Direttiva hi ta' natura proċedurali, u l-ħtiġiet tagħha għandhom jew ikunu integrati fil-proċeduri eżistenti fl-Istati Membri jew inkorporati fi proċeduri stabbiliti speċifikament. Bil-għan li tkun evitata duplikazzjoni ta' stima, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw, meta jkun xieraq, il-fatt li stimi ser isiru f'livelli differenti ta' ġerarkija ta' pjanijiet u programmi.

(10) Il-pjanijiet u l-programmi kollha li huma ppreparati għal numru ta' setturi u li jistabilixxu qafas għal kunsens ta' żvilupp fil-futur tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151)] u l-pjani u l-programmi kollha li ġew stabbiliti li jeħtieġu stima bis-saħħa tad-Direttiva ["habitats"] li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, u għandhom bħala regola jsiru suġġetti għall-stima sistematika ambjentali. Meta dawn jistabilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali jew ikunu modifiki minuri għall-pjanijiet jew programmi msemmija hawn fuq, dawn għandhom ikunu stmati biss meta l-Istati Membri jistabilixxu li dawn x'aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq l-ambjent."

9 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/42, intitolat "Għanijiet":

"L-għan ta' din id-Direttiva hu li jsiru disposizzjonijiet għal livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u biex issir kontribuzzjoni għall-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi bil-għan li jkun jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, billi jkun assigurat li, skond din id-Direttiva, issir stima ambjentali ta' ċerti pjanijiet u programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent."

10 L-Artikolu 2(a) u (b) ta' din id-direttiva jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'pjanijiet u programmi' tfisser pjanijiet u programmi, inklużi dawk ko-finanzjati mill-Komunità Ewropea, kif ukoll xi modifiki li jsirulhom:

— li huma suġġetti għall-preparazzjoni u/jew adozzjoni minn xi awtorita nazzjonali, reġjonali jew livell lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorita għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew il-Gvern, u

— li huma meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi;

b) 'stima ambjentali' tfisser il-preparazzjoni ta' xi rapport ambjentali, l-għemil ta' konsultazzjonijiet, it-teħid tal-kont tar-rapport ambjentali u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet u d-disposizzjoni ta' l-informazzjoni dwar id-deċiżjoni skond l-Artikoli 4 sa 9."

11 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kamp ta' Applikazzjoni", jipprevedi:

"1. L-istima ambjentali, skond l-Artikoli 4 sa 9, għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 li x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, stima ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha,

a) li huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar ta' l-iskart, l-amministrazzjoni ta' l-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, pjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu ta' l-art u li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva [85/337]; jew

b) li, in vista ta' l-effett fuq iż-żoni li x'aktarx, ġew stabbiliti biex jiksbu stima bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva ["habitats"].

3. Pjanijiet u programmi msemmija fil-paragrafu 2 li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u modifiki żgħar għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 jkunu jeħtieġu stima ambjentali biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

4. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet u l-programmi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, li jissettjaw il-qafas għall-kunsens futur ta' l-iżvilupp tal-proġetti, hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

5. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet jew il-programmi msemmija fil-paragrafi 3 u 4 hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti jew billi kull każ jiġi eżaminat jew billi jkunu speċifikati t-tipi ta' pjanijiet u programmi jew billi jkunu kombinati iż-żewġ metodi. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jikkunsidraw il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness II, sabiex ikun assigurat li l-pjanijiet u l-programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinjifikanti fuq l-ambjent ikunu koperti b'din id-Direttiva.

[…]"

12 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/42/KE, intitolat "Obbligazzjonijiet ġenerali", jipprovdi:

"1. L-istima ambjentali msemmija fl-Artikolu 3 għandha ssir matul il-preparazzjoni ta' xi pjan jew programm u qabel l-adozzjoni jew is-sottomissjoni għall-proċedura leġislattiva.

2. Il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva għandhom jew ikunu integrati fil-proċeduri eżistenti fl-Istati Membri għall-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi jew inkorporati fil-proċeduri stabbiliti biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

3. Meta l-pjanijiet u l-programmi jifformaw parti minn xi ġerarkija, l-Istati Membri għandhom, bil-għan li jevitaw duplikazzjoni ta' l-istima, jikkunsidraw il-fatt li l-istima ser issir, skond din id-Direttiva, fil-livelli differenti tal-ġerarkija Għall-fini ta', fost l-oħrajn, li ma jkunx hemm duplikazjzoni ta' stima, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 5(2) u (3)."

13 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Rapport dwar l-ambjent" huwa fformulat kif ġej fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Meta stima ambjentali tkun meħtieġa skond l-Artikolu 3(1), għandu jkun ippreparat rapport dwar l-ambjent li fih l-effetti sinifikanti li x'aktarx ikun hemm fuq l-ambjent b'konsegwenza ta' l-implimentazzjoni tal-pjan jew il-programm, u alternattivi raġonevoli billi jkunu kkunsidrati l-għanijiet u l-iskop ġeografiku tal-pjan jew il-programm, ikunu identifikati, deskritti u evalwati. L-informazzjoni li għandha tingħata għal dan il-għan hi msemmija fl-Anness I.

2. Ir-rapport dwar l-ambjent ippreparat bis-saħħa tal-paragrafu 1 għandu jinkludi l-informazzjoni li tista' tkun mitluba b'mod raġonevoli meta jkunu ikkunsidrati l-għarfien u l-metodi ta' stima, il-kontenut u l-livelli tad-dettal fil-pjan jew fil-programm, l-istadju tiegħu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u sa fejn ċerti materji jkunu stmati b'mod aktar xieraq fil-livelli differenti f'dak il-proċess sabiex ikun evitat duplikazzjoni ta' l-istima."

14 L-Anness II tad-Direttiva 2001/42 jelenka l-kriterji li jippermettu li tiġi stabbilita l-portata probabbli tal-effetti kkunsidrati fl-Artikolu 3(5) ta' din id-direttiva.

Id-dritt Taljan

15 Id-Direttiva 2001/42 ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Taljan bid-decreto legislativo n. 152 – Norme in materia ambientale (digriet leġiżlattiv nru 152, li jirrigwarda r-regoli fil-qasam ambjentali), tat-3 ta' April 2006 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 88 tal-14 ta' April 2006).

16 L-Artikolu 6 ta' dan id-digriet, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"1. L-evalwazzjoni ambjentali strateġika tikkonċerna l-pjanijiet u l-programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u fuq il-patrimonju kulturali.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, evalwazzjoni titwettaq għall-pjanijiet u għall-programmi kollha:

a) li huma żviluppati għall-evalwazzjoni u għall-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, għas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tas-sajd, tal-enerġija, tal-industrija, tat-trasport, tal-immaniġġar tal-iskart, tal-amministrazzjoni tal-ilma, tat-telekomunikazzjonijiet, tat-turiżmu, tal-ippjanar tal-ibliet u tal-kampanja jew tal-użu tal-art u li jiddefinixxu l-kuntest ta' referenza għall-approvazzjoni, għall-awtorizzazzjoni, għal-lokalizzazzjoni jew għat-twettiq tal-proġetti elenkati fl-Annessi II, III u IV ta' dan id-digriet;

b) li għalihom, peress li l-effetti li jistgħu jkollhom fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni tas-siti indikati bħala żoni ta' protezzjoni speċjali għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u tas-siti kklassifikati bħala siti ta' importanza għall-Komunità għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u tal-flora selvaġġa, ġie meqjus neċessarju li titwettaq evalwazzjoni tal-effetti fis-sens tal-Artikolu 5 tad-digriet tal-President tar-Repubblika Nru 357, tat-8 ta' Settembru 1997, u tal-emendi sussegwenti tiegħu.

3. Il-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 li jiddeterminaw l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u l-bidliet minuri tal-pjanijiet u tal-programmi kkunsidrati fil-paragrafu 2 ma jeħtiġux evalwazzjoni ambjentali ħlief jekk l-awtorità kompetenti tqis li huma għandhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 [...].

3a. L-awtorità kompetenti tevalwa, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, jekk il-pjanijiet u l-programmi, minbarra dawk ikkunsidrati fil-paragrafu 2, li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implementazzjoni tal-proġetti tkun tista' tiġi awtorizzata fil-futur, jistgħux ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

[...]"

Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fil-laguna ta' Venezia, fin-Nofsinhar l-iktar estrem tal-gżira ta' Pellestrina, tinsab gżira, imsejħa "Ca' Roman" li taqa' taħt il-Comune di Venezia (komun ta' Venezia). Fir-rigward tal-valur tal-kuntest naturali tiegħu, il-bijotop ta' Ca' Roman huwa b'mod partikolari inkluż fin-netwerk Natura 2000.

18 Dan il-bijotop jikkostitwixxi l-parti l-iktar 'l isfel tas-sit ta' importanza għall-Komunità (iktar 'il quddiem is-"SIK") u taż-żona ta' protezzjoni speċjali (iktar 'il quddiem iż-"ŻPS") inklużi taħt id-denominazzjoni "xatt ta' Venezia: bijotop littorali" (kodiċi IT 3250023) u huwa kontigwu mas-SIK u maż-ŻPS inklużi taħt id-denominazzjoni "laguna ta' Venezia" (kodiċi IT 3250046) kif ukoll mas-SIK inkluż taħt id-denominazzjoni "laguna medjo-inferjuri ta' Venezia" (kodiċi IT 3250030). Skont il-qorti tar-rinviju, fuq Ca' Roman, tinsab żona li tmiss ma' dawn is-SIK u ma' dawn iż-ŻPS, fejn jinsab bini li attwalment ma jintużax.

19 Il-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam ta' urbaniżmu fit-territorju tal-Comune di Venezia tippermetti li jitwettqu interventi ta' rinnovazzjoni, permezz tat-twaqqigħ u ta' bini mill-ġdid ta' bini mingħajr valur, li l-użu tiegħu jinbidel wara t-tfassil ta' pjan ta' implementazzjoni, li jiddefinixxi l-organizzazzjoni urbana fil-qasam ta' infrastrutturi u ta' arkitettura tal-post.

20 Società Ca' Roman stabbilixxiet tali pjan ta' implementazzjoni għall-bini li ma jintużax ikkunsidrat fil-punt 18 ta' din is-sentenza. Hija beħsiebha tibni minfloku 84 unità ta' abitazzjoni, imqassma fi 42 binja u miġbura mill-ġdid f'ħames gruppi ta' immobbli, fuq superfiċji totali ta' 29 195 m^2.

21 Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2012, il-kunsill muniċipali tal-Comune di Venezia approva l-pjan inkwistjoni, li kien suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent skont id-Direttiva "habitats." Għalkemm din l-evalwazzjoni kienet favorevoli, madankollu dan il-pjan kien suġġett għal diversi stipulazzjonijiet intiżi għall-protezzjoni tas-SIK u taż-ŻPS ikkonċernati.

22 Min-naħa l-oħra, dan ma kienx suġġett għal evalwazzjoni ambjentali, fis-sens tad-Direttiva 2001/42. Fil-fatt, permezz ta' avviż tal-4 ta' Ġunju 2013, il-kummissjoni reġjonali kompetenti kkunsidrat li l-pjan inkwistjoni kien jikkonċerna unikament l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u li l-pjanijiet relatati ma' tali żoni ma kinux jirrikjedu evalwazzjoni ambjentali meta ma jkollhomx effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

23 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2014, adottata fil-kuntest tal-kompetenza tal-kunsill muniċipali, il-commissario straordinario (kummissarju straordinarju) tal-Comune di Venezia, wara li vverifika jekk kienx hemm lok li ssir evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42, approva l-pjan inkwistjoni, mingħajr ma għamel ebda modifika relatata mal-verżjoni tiegħu li kienet irċeviet l-approvazzjoni preċedenti.

24 L-Associazione Italia Nostra Onlus, li l-għan tagħha huwa li taħdem favur il-protezzjoni u l-valorizzazzjoni tal-patrimonju storiku, artistiku u kulturali Taljan, ippreżentat rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (qorti amministrattiva reġjonali għall-Veneto, l-Italja) kontra din id-deċiżjoni ta' approvazzjoni kif ukoll kontra atti oħra, b'mod partikolari billi essenzjalment tikkontesta l-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni.

25 Skont il-qorti tar-rinviju, din id-dispożizzjoni hija invalida fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") sa fejn hija tipprevedi li l-pjanijiet u l-programmi li għalihom evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent hija meħtieġa skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva "habitats" ma humiex obbligatorjament suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42.

26 Fil-fatt, sempliċi verifika tal-obbligu li pjan jew programm jiġi suġġett għal tali evalwazzjoni ambjentali, bid-differenza ta' evalwazzjoni ambjentali obbligatorja u sistematika, tikkostitwixxi okkażjoni għall-amministrazzjonijiet nazzjonali li jaħarbu mill-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent imfittxija mid-Direttiva "habitats" u mid-Direttiva 2001/42.

27 Minbarra dan, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 jikser il-"prinċipju tar-raġonevolezza", fid-dawl tal-karattru mhux xieraq u insuffiċjenti tal-livell ta' protezzjoni li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva "habitats", kif ukoll bir-riferiment għall-kriterju, purament kwantitattiv, tas-superfiċji kkonċernata mill-pjanijiet jew mill-programmi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni.

28 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ssostni li s-siti li jaqgħu taħt in-netwerk Natura 2000, fid-dawl tal-karatteristiċi tagħhom, huma sensittivi għall-iktar bidliet żgħar li jirriżultaw mill-interferenzi subiti permezz tal-fawna, tal-flora, tax-xemx u tal-ilma. Għalhekk, l-effett tal-bidliet miġjuba għal tali siti, li jistgħu b'mod partikolari jkollhom bħala għan li jipproteġu speċi rari jew li waslu għall-estinzjoni, ma

huwiex relatat mas-superfiċji taż-żona kkonċernata minn pjan jew minn programm. Dan l-effett jirreferi biss għal aspetti kwalitattivi, bħan-natura, il-lokalizzazzjoni tal-intervent jew in-natura xierqa jew mhux xierqa ta' trasformazzjonijiet sostanzjalment irriversibbli maħsuba.

29 Il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li Stat Membru li jiffissa kriterji u/jew livelli billi jieħu inkunsiderazzjoni biss dimensjonijiet tal-proġetti, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni wkoll in-natura tagħhom u l-lokalizzazzjoni tagħhom, imur lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni li huwa għandu (ara, fir-rigward tad-Direttiva 85/337, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-392/96, EU:C:1999:431, punti 64 sa 67, u tas-16 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-332/04, mhux ippubblikata, EU:C:2006:180, punti 76 sa 81).

30 Għalhekk ma jkunx iġġustifikat li l-pjanijiet u l-prgrammi li huma kkunsidrati mid-Direttiva 2001/42 jevitaw evalwazzjoni ambjentali obbligatorja u sistematika abbażi ta' kriterju purament kwantitattiv bħal dak tal-użu ta' "żoni żgħar fil-livell lokali" fis-sens tal-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva.

31 Il-qorti tar-rinviju żżid li, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li din id-dispożizzjoni ma hijiex invalida fir-rigward tat-Trattat FUE u tal-Karta, tqum għalhekk il-kwistjoni jekk dan il-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali " jistax jiġi ddefinit minn leġiżlazzjoni nazzjonali unikament f'termini kwantitattivi, bħalma huwa l-każ fl-Italja.

32 Fil-fatt, il-leġiżlatur Taljan kien naqas milli jagħti definizzjoni tal-espressjoni "żoni żgħar fil-livell lokali" u l-ġurisprudenza nazzjonali kienet ħadet bħala riferiment, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin, jiġifieri għall-proġetti ta' żvilupp ta' żoni urbani, ġodda jew li qed jiġu estiżi, dawk li s-superfiċji kkonċernata tagħhom ma taqbiżx 40 ettaru, u għall-proġetti ta' rinnovazzjoni jew ta' żvilupp ta' żoni urbani, ġewwa żoni urbani eżistenti, dawk li s-superfiċji tagħhom ma taqbiżx 10 ettari. Dawn l-elementi, purament kwantitattivi, jirrappreżentaw livelli għolja ħafna, ħaġa li tikkostitwixxi problema fir-rigward tad-Direttiva 2001/42.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (qorti amministrattiva reġjonali għall-Veneto) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42/KE, fil-parti li tirreferi wkoll għad-dispożizzjoni li tinsab fil-paragrafu 2(b) tal-istess artikolu, huwa validu, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ambjent li tinsab fit-TFUE kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn dan jeżenta minn stima strateġika tal-effetti fuq l-ambjent sistematika l-pjanijiet u l-programmi li fir-rigward tagħhom tqies li kellhom neċessarjament jiġu suġġetti għal stima tal-effetti, fis-sens tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 92/43/KEE?

2) Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/42/KE, moqrija flimkien mal-premessa 10 tal-istess direttiva, li tgħid li "l-pjani u l-programmi kollha li ġew stabbiliti li jeħtieġu stima bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' ambjent naturali u ta' flora u fawna selvaġġa, li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, u għandhom bħala regola jsiru suġġetti għall-stima sistematika ambjentali" għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tiddefinixxi l-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali" li jinsab fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42/KE, tagħmel riferiment għal kriterji purament kwantitattivi?

3) Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/42/KE, moqrija flimkien mal-għaxar premessa tal-istess direttiva, li tgħid li "l-pjani u l-programmi kollha li ġew stabbiliti li jeħtieġu stima bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' ambjent naturali u ta' flora u fawna selvaġġa, li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, u għandhom bħala regola jsiru suġġetti għall-stima sistematika ambjentali" għandhom jiġu

interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta minn stima strateġika tal-effetti fuq l-ambjent awtomatika u obbligatorja l-proġetti kollha ta' żvilupp ta' żoni urbani, ġodda jew li qed jiġu estiżi, fejn is-superfiċi kkonċernata ma tkunx ta' iktar minn 40 ettaru jew il-proġetti ta' riabilitazzjoni jew ta' żvilupp ta' żoni urbani, fi ħdan iż-żoni urbani eżistenti, fejn is-superfiċi kkonċernata ma tkunx ta' iktar minn 10 ettari, anki jekk, minħabba l-possibbiltà ta' effetti fuq is-siti, diġà tqies li dawn kellhom neċessarjament jiġu suġġetti għal stima tal-effetti, fis-sens tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 92/43/KEE?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

34 Il-Comune di Venezia u Società Ca' Roman isostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli.

35 Huma jsostnu li ż-żona kkonċernata mill-pjan inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinsab barra mis-SIK u miż-ŻPS imsemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza. Għalhekk, fir-rigward ta' din iż-żona, evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva "habitats" ma hijiex meħtieġa, bil-konsegwenza li evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42 ma hijiex neċessarja, peress li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2)(b) ta' din l-aħħar direttiva ma humiex issodisfatti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju hija irrilevanti għad-deċiżjoni tal-kawża prinċipali.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li l-eżattezza tagħhom ma għandhiex tiġi vverifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar domanda magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex punti ta' fatti u ta' liġi neċessarji sabiex tagħti risposta b'mod effettiv għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, EU:C:2001:160, punt 39, u tal-21 ta' Settembru 2016, Radgen, C-478/15, EU:C:2016:705, punt 27).

37 F'dan il-każ, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 22 tal-konklużjonijiet tagħha, ma jistax jiġi eskluż li l-pjan inkwistjoni fil-kawża prinċipali, anki fl-ipoteżi fejn jikkonċerna biss żona li tinsab barra mis-SIK jew miż-ŻPS ikkunsidrati fil-punt 18 ta' din is-sentenza, jeħtieġ evalwazzjoni tal-effeti fuq l-ambjent skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva "habitats". Fil-fatt, pjan jew programm li jirrigwarda żona li tinsab barra minn SIK u/jew minn ŻPS jista' madankollu, skont iċ-ċirkustanzi, ikun suxxettibbli li jaffettwa lil dawn tal-aħħar.

38 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, li tirrileva li l-pjan inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwarda żona li tmiss mas-SIK u maż-ŻPS ikkunsidrati fil-punt 18 ta' din is-sentenza, tikkunsidra li dan huwa l-każ, ħaġa li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-Direttiva 2001/42 ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

Fuq l-ewwel domanda

40 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 huwiex validu fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta.

41 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2001/42 hija bbażata fuq l-Artikolu 175(1) KE, dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ambjent sabiex jitwettqu l-għanijiet ikkunsidrati fl-Artikolu 174 KE.

42 L-Artikolu 191 TFUE, li jikkorrispondi mal-Artikolu 174 KE u, preċedentement, essenzjalment mal-Artikolu 130 R tat-Trattat KE, jipprovdi fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent timmira lejn "protezzjoni ta' livell għoli", billi tittieħed inkunsiderazzjoni d-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni differenti tal-Unjoni. Fl-istess sens, l-Artikolu 3(3) TUE jipprevedi li l-Unjoni taħdem b'mod partikolari favur "livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità ta' l-ambjent".

43 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 191(1) TFUE jawtorizza l-adozzjoni ta' miżuri intiżi unikament għal ċerti aspetti ddefiniti tal-ambjent, sa fejn dawn il-miżuri jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni, għall-protezzjoni u għat-titjib tal-kwalità tiegħu (ara s-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1998, Safety Hi-Tech, C-284/95, EU:C:1998:352, punt 45, u tal-14 ta' Lulju 1998, Bettati, C-341/95, EU:C:1998:353, punt 43).

44 Għalkemm huwa paċifiku li l-Artikolu 191(2) TFUE jirrikejdi li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni, tali livell ta' protezzjoni, sabiex ikun kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni, ma għandux neċessarjament ikun teknikament l-ogħla possibbli. Fil-fatt, l-Artikolu 193 TFUE jawtorizza lill-Istati Membri li jżommu jew li jistabbilixxu miżuri ta' protezzjoni msaħħa (ara s-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1998, Safety Hi-Tech, C-284/95, EU:C:1998:352, punt 49, u tal-14 ta' Lulju 1998, Bettati, C-341/95, EU:C:1998:353, punt 47).

45 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 huwiex validu fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE.

46 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi ppreċiżat li, minħabba n-neċessità ta' tqegħid f'bilanċ ta' wħud mill-għanijiet u mill-prinċipji previsti fl-Artikolu 191 TFUE, kif ukoll minħabba l-kumplessità tal-implementazzjoni tal-kriterji, l-istħarriġ ġudizzjarju għandu neċessarjament ikun limitat sabiex jistabbilixxi jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, billi adottaw l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, wettqux żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1998, Safety Hi-Tech, C-284/95, EU:C:1998:352, punt 37; tal-14 ta' Lulju 1998, Bettati, C-341/95, EU:C:1998:353, punt 35, u tal-15 ta' Diċembru 2005, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-86/03, EU:C:2005:769, punt 88).

47 Fir-rigward tad-Direttiva 2001/42, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1 tagħha, din għandha bħala għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u biex issir kontribuzzjoni għall-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali fit-tfassil u fl-adozzjoni ta' pjanijiet u ta' programmi bil-għan li jiġi promoss żvilupp sostenibbli, billi jiġi previst li, konformement ma' din id-direttiva, ċerti pjanijiet u programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali.

48 Mill-Artikolu 3(2)(b) ta' din id-direttiva jirriżulta li, bla ħsara għall-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, evalwazzjoni ambjentali titwettaq għall-pjanijiet u għall-programmi ambjentali kollha li għalihom, minħabba l-effetti li huma jista' jkollhom fuq siti, evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent hija meħtieġa skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva "habitats".

49 Fir-rigward tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, dan jipprovdi li l-pjanijiet u l-programmi li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u modifiki żgħar tal-pjanijiet u tal-programmi jkunu suġġetti obbligatorjament għal evalwazzjoni ambjentali biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn jistgħu jkollhom effetti ambjentali sinjifikattivi fuq l-ambjent.

50 Minn din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-premessa 10 tad-Direttiva 2001/42, jirriżulta li, għall-pjanijiet u għall-programmi li jiddeterminaw l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom iwettqu eżami preliminari intiż sabiex jiġi vverifikat jekk pjan jew programm partikolari jistax ikollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u li dawn l-awtoritajiet għandhom, sussegwentement, obbligatorjament jissuġġettaw dan il-pjan jew dan il-programm għal evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva jekk jaslu għall-konklużjoni li dan il-pjan jew dan il-programm jista' jkollu tali effetti fuq l-ambjent.

51 Skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42, id-determinazzjoni tal-pjanjiet jew tal-programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u li jeħtieġu, minħabba dan il-fatt, evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva, isseħħ billi jsir eżami każ b'każ, kif ukoll billi jiġu ddeterminati tipi ta' pjanijiet jew ta' programmi jew billi dawn iż-żewġ approċċi jingħaqdu. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom, fi kwalunkwe każ, jikkunsidraw kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-direttiva, sabiex il-pjanijiet u l-programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu koperti bl-istess direttiva.

52 Il-mekkaniżmi ta' eżami tal-pjanijiet u tal-programmi msemmija fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42 għandhom l-għan li jiffaċilitaw id-determinazzjoni tal-pjanijiet u tal-programmi li huwa obbligatorju li jiġu evalwati minħabba li dawn jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et*, C-295/10, EU:C:2011:608, punt 45).

53 Il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42 sabiex jiġu stabbiliti ċerti tipi ta' pjanijiet jew ta' programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent huwa limitat bl-obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-paragrafu 2 tal-istess artikolu, li l-pjanijiet u l-programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, partikolarment minħabba l-karatteristiċi tagħhom, l-effetti tagħhom u taż-żoni li jistgħu jintlaqtu, jiġu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et*, C-295/10, EU:C:2011:608, punt 46).

54 L-Artikolu 3(2), (3) u (5) tad-Direttiva 2001/42 għalhekk huwa intiż sabiex ebda pjan jew programm li jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jevita l-evalwazzjoni ambjentali (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et*, C-295/10, EU:C:2011:608, punt 53).

55 Għalhekk għandha ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni u dik li fiha livell purament kwantitattiv ikollu bħala konsegwenza li, fil-prattika, it-totalità ta' kategorija ta' pjanijiet jew ta' programmi tevita minn qabel evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42, anki jekk dawn il-pjanijiet jew dawn il-programmi jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et*, C-295/10, EU:C:2011:608, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fir-rigward ta' dan kollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, billi ma jevita evalwazzjoni ambjentali għal ebda pjan jew programm li jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, jagħmel parti mill-għan imfittex minn din id-direttiva li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent.

57 Madankollu, il-qorti tar-rinviju ssostni li sempliċi verifika tal-obbligu li pjan jew programm jiġi suġġett għal evalwazzjoni ambjentali, bid-differenza ta' evalwazzjoni ambjentali obbligatorja u sistematika, tikkostitwixxi okkażjoni għall-amministrazzjonijiet nazzjonali li jaħarbu mill-għanijiet ta' protezzjoni mfittxija mid-Direttiva "habitats" u mid-Direttiva 2001/42.

58 Madankollu, hekk kif jirriżulta mid-Direttiva 2001/42, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, huma l-Istati Membri li għandhom, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, ġenerali jew partikolari sabiex il-pjanijiet u l-programmi kollha li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, fis-sens ta' din id-direttiva jiġu, qabel l-adozzjoni tagħhom, suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali, skont il-modalitajiet proċedurali u l-kriterji previsti minn din id-direttiva (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, C-41/11, EU:C:2012:103, punt 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 Fi kwalunkwe każ, ir-riskju biss li l-awtoritajiet nazzjonali, permezz tal-aġir tagħhom, jistgħu jaħarbu l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42, ma huwiex ta' natura li jwassal għall-invalidità tal-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva.

60 Konsegwentement, f'dan il-każ ma jidhirx li l-Parlament u l-Kunsill, billi adottaw l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, kienu wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2001/42, fil-kuntest ta' din il-kawża, ma wriet ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tagħha fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE.

61 Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni tal-eventwali invalidità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Karta, għandu jitfakkar li, skont it-termini ta' dan l-aħħar artikolu, "[l]ivell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politika ta' l-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skond il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli."

62 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 52(2) tal-Karta jipprovdi li d-drittijiet irrikonoxxuti minnha li għalihom hemm dispożizzjonijiet fit-Trattati għandhom jiġu eżerċitati skont il-kundizzjonijiet u fil-limiti ddefiniti fihom. Dan huwa l-każ tal-Artikolu 37 tal-Karta. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) relatati ma' din id-dispożizzjoni, il-"prinċipji stabbiliti f'dan [l-Artikolu 37 tal-Karta] ġew ibbażati fuq l-Artikoli 2, 6 u 174 [KE], li issa ġew sostitwiti bl-Artikolu I-3(3) [TUE] u l-Artikoli 11 u 191 [TFUE]".

63 Isegwi li, peress li, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 60 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 ma ħalla jidher ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tiegħu fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE, din id-dispożizzjoni wkoll ma turi ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tagħha fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Karta.

64 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-eżami tal-ewwel domanda ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

65 Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-premessa 10 ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali" li jinsab f'dan il-paragrafu 3 jista' jiġi ddefinit billi jsir riferiment unikament għas-superfiċji taż-żona kkonċernata.

66 Fir-rigward tal-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali", fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi ebda riferiment speċifiku għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha

titfittex billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni kif ukoll l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 1984, Ekro, 327/82, EU:C:1984:11, punt 11, u tat-13 ta' Ottubru 2016, Mikołajczyk, C-294/15, EU:C:2016:772, punt 44).

67 Peress li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 ma jinkludi ebda riferiment speċifiku għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tal-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali", din id-determinazzjoni għandha ssir fir-rigward tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u tal-għan ta' din id-direttiva.

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, pjan jew programm għandu jissodisfa żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Minn naħa, dan il-pjan jew dan il-programm għandu jiddetermina l-użu ta' "żona żgħira" u, min-naħa l-oħra, din iż-żona għandha tinsab fil-"livell lokali".

69 Fir-rigward tal-kunċett ta' "livell lokali", hemm lok li jiġi enfasizzat li l-espressjoni "livell lokali" tintuża wkoll fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2001/42. Skont din id-dispożizzjoni, bi "pjanijiet u programmi" għandhom jinftiehmu l-pjanijiet u l-programmi, inklużi dawk li huma kofinanzjati mill-Unjoni, kif ukoll il-bidliet tagħhom imfassla u/jew adottati minn awtorità fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jew imfassla minn awtorità fid-dawl tal-adozzjoni tagħhom mill-parlament jew mill-gvern, abbażi ta' proċedura leġiżlattiva, u meħtieġa minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

70 Hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tagħha, mix-xebh tat-termini użati fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(a) u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, kif ukoll mit-tfassil ta din id-direttiva, jirriżulta li l-espressjoni "livell lokali" għandha l-istess tifsira għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, jiġifieri li hija tirreferi għal livell amministrattiv fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat.

71 Konsegwentement, sabiex pjan jew programm jiġi kklassifikat bħala miżura li tiddetermina l-użu ta' żona żgħira "fil-livell lokali", fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, dan il-pjan jew dan il-programm għandu jitfassal u/jew jiġi adottat minn awtorità lokali, b'kuntrast ma' awtorità reġjonali jew nazzjonali.

72 F'dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "żona żgħira", il-kwalifikattiv ta' "żgħira" konformement mas-sens abitwali tagħha fil-lingwa ta' kuljum, jagħmel riferiment għad-daqs taż-żona. Hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tagħha, dan il-kriterju tad-daqs taż-żona ma jistax jinftiehem bħala li jirreferi għal element purament kwantitattiv, jiġifieri s-superfiċji taż-żona kkonċernata mill-pjan jew mill-programm ikkunsidrat fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, indipendentement mill-effetti fuq l-ambjent.

73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li, bl-użu tal-espressjoni "żoni żgħar fil-livell lokali", minn naħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jieħu bħala riferiment il-qafas tal-ġurisdizzjoni territorjali tal-awtorità lokali li fasslet u/jew adottat il-pjan jew il-programm ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, sa fejn il-kriterju tal-użu ta' "żoni żgħar" għandu jiġi ssodisfatt minbarra dak tad-determinazzjoni fil-livell lokali, iż-żona kkonċernata għandha tirrappreżenta, proporzjonalment ma' din il-ġurisdizzjoni territorjali, daqs żgħir.

74 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni u t-tielet domandi għandhom jiġu risposti li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-premessa 10 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali" li jidher f'dan il-paragrafu 3 għandu jiġi ddefinit billi jsir riferiment għas-superfiċji taż-żona kkonċernata fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

— il-pjan jew il-programm huwa mfassal u/jew adottat minn awtorità lokali, b'kuntrast ma' awtorità reġjonali jew nazzjonali, u

— din iż-żona ġewwa l-qafas tal-ġurisdizzjoni territorjali tal-awtorità lokali tirrappreżenta, proporzjonalment ma’ din il-ġurisdizzjoni territorjali, daqs żgħir.

Fuq l-ispejjeż

75 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

1) **L-eżami tal-ewwel domanda preliminari ma żvela ebda element ta’ natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta’ Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

2) **L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-premessa 10 ta’ din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta’ “żoni żgħar fil-livell lokali” li jidher f’dan il-paragrafu 3 għandu jiġi ddefinit billi jsir riferiment għas-superfiċji taż-żona kkonċernata fil-kundizzjonijiet li ġejjin:**

— **il-pjan jew il-programm huwa mfassal u/jew adottat minn awtorità lokali, b’kuntrast ma’ awtorità reġjonali jew nazzjonali, u**

— **din iż-żona ġewwa l-qafas tal-ġurisdizzjoni territorjali tal-awtorità lokali tirrappreżenta, proporzjonalment ma’ din il-ġurisdizzjoni territorjali, daqs żgħir.**

Firem